**QORTI CIVILI**
**(SEZZJONI TAL-FAMILJA))**

**IMHALLEF**

**Onor. Abigail Lofaro LL.D., Dip. Stud. Rel., Mag. Jur. (Eur. Law)**

Illum 13 ta' Ottubru, 2016

Rikors numru : 321/16 AL

AB

vs

CD

Il-Qorti:

Rat ir-rikors illi gie ikkonfermat bil-gurament mir-rikorrenti, li permezz tieghu ppremettiet :

1. Illi l-kontendenti zzewgu fit-23 ta' April, 1994, [**Dok. A**] mil-liema zwieg twieled tifel, VD, li ghandu dsatax-il [19] sena.

2. Illi l-kontendenti sseparaw permezz ta' kuntratt ta' separazzjoni ppubblikat fit-18 ta' Lulju, 2002, fl-atti tan-Nutar Dr. Marco Burlo`. [**Dok. B**].

3. Illi l-kontendenti ilhom ferm aktar minn erba' snin separati de facto u legalment, u ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-kontendenti.

4. Illi bejn il-kontendenti m'hemmx kwistjonijiet pendenti dwar manteniment.

5. Illi ghalhekk ai termini tal-Att XIV tal-2011, l-esponenti tixtieq titlob id-divorzju u/jew hall taz-zwieg minn zewgha l-intimat.

Talbet li l-intimat jghid ghaliex din il-Qorti m'ghandhiex sabiex prevja kull dikjarazzjoni li hija mehtiega skond il-ligi:-

1. tiddikjara d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg ikkuntrattat bejn il-kontendenti fit-23 ta' April, 1994.
2. tordna lid-Direttur tar-Registru Pubbliku biex jirregistra d-divorzju u/jew il-hall taz-zwieg fir-Registru Pubbliku.

Bl-ispejjez kontra l-intimat.

Rat ir-risposta tal-intimat illi giet ikkonfermata minnu bil-gurament waqt is-seduta, li permezz taghha jirrileva :

1. Illi huwa ma joggezzjonax ghat-talbiet tar-rikorrenti;

2. Illi huwa jaqbel li z-zwieg tal-partijiet jigi dikkjarat mahlul;

3. Illi huwa minnu li l-partijiet kienu sseparaw bonarjament ai termini tal-kuntratt tas-Separazzjoni datat 18 ta' Lulju 2002;

4. Illi ghalhekk huma ilhom hafna iktar minn 4 snin ma jghixux flimkien;

5. Illi m'hemmx arretrati dovuti ta' manteniment u mhemmx ebda prospett ragonevoli ghal rikonciljazzjoni bejn il-partijiet;

6. Illi huwa m'ghandux ibati l-ispejjez tal-kawza, l-ispejjez bir-rispett kollu ghandhom jkunu bla taxxa;

Rat id-dokumenti kollha illi gew esebiti;

Rat id-digriet taghha tat-13 ta’ Lulju 2016;

Rat l-Artikolu 66 B tal-Kap. 16 tal-Ligijiet ta’ Malta;

Rat l-atti kollha;

Ikkunsidrat :

Illi l-Qorti rat li r-rikorrenti irnexxielha tissodisfa ir-rekwiziti kollha mehtiega mill-Ligi sabiex zwieg jigi mahlul u dana peress illi ippruvat illi l-partijiet ilhom legalment separati mit-18 ta’ Lulju 2002;

Illi r-rikorrenti ippruvat ukoll illi ma hemm l-ebda prospett ragonevoli ta’ rikonciljazzjoni bejn il-partijiet u illi ma hemm l-ebda pendenzi fir-rigward ta’ hlas ta’ manteniment;

Ghaldaqstant, u ghar-ragunijiet fuq imsemmija, il-Qorti qeghda tilqa’ t-talbiet, tippronunzja il-hall taz-zwieg bejn il-partijiet u tordna lir-Registratur tal-Qrati sabiex, fi zmien xahar millum, javza lid-Direttur tar-Registru Pubbliku bid-divorzju tal-partijiet biex dan jigi registrat fir-Registru Pubbliku;

Il-Qorti tordna illi l-ispejjez jibqghu bla taxxa bejn il-partijiet.